MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2014

Numru. 754/2012

**SPETTUR JONATHAN FERRIS**

**VS**

**RONALD GERADA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Ronald Gerada ta' 36 sena, bin Joseph u Rita nee' Barbara, mwieled Pieta' fis- 6 ta' Gunju 1978, residenti 10, Triq Wied Giavan, Xaghjra u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 274878M;

Talli fi Frar 2012 u fix- xhur ta' qabel f' dawn il- Gzejjer b'd iversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l- istess disposizzjoni tal- ligi u li gew maghmula b' risoluzzjoni wahda;

1) Approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is- somma ta' aktar minn €2,329.37 li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l- obbligu tar- radd tal- haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghu u dan ghad- dannu tal- kumpanija Arriva Malta Ltd;

2) Aktar talli fl- istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b' mezzi kontra l- ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b' qerq iehor, ingann jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel jitwemmen l- ezistenza ta' intrapizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza dwar grajja kimerika ghamel qliegh ta' aktar minn €2,329.37 ghad- detriment ta' Arriva Malta;

3) Aktar talli fl- istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi minghajr awtorizazzjoni uza l- kodici ta' dhul, password, isem l-utent, indirizz postali elettroniku jew xi mezz iehor ta' dhul jew informazzjoni ta' identifikazzjoni ta' persuna ohra f' kompjuter meta tali reat sar f' post

minn impjegat bi pregudizzju tal- principal tieghu jew bi pregudizzju ta’ terzi;

b’ hekk l- imputat Ronald Gerada;

4) Wettaq reat fi zmien il- perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza liema setnena giet moghtija fis- 26 ta’ Gunju 2009, mill- Qorti tal- Magistrati (Malta)_liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

5) Sar recidiv ai termini tal- Artikoli 49 u 50 tal- Kap 9 tal- ligijiet ta’ Malta, b’ sentenza moghtija mill- Qorti tal- Magistrati (Malta) diversement preseduta liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. L-imputat kien impjegat mas-socjeta' Arriva bhala xufier tal-karozzi tal-linja. Fiz-zmien in kwistjoni, il-kumpanija bdiet tirrileva diversi diskrepanzi fin-numru ta' bejgh ta' biljetti minn fuq il-karozzi tal-linja, kif ukoll diskrepanzi fl-origini tal-istess bejgh. Mill-investigazzjoni interna ill ghamlet il-kumpanija, kien hemm suspett li wiehed mix-xufiera tal-linja, jew xi persuna ohra mhux maghrufa, setghet abbuzat mis-sistema u kienet qed tintuza l-"personal identification number" (PIN) ta' xufier iehor. Il-kumpanija indunat b'dan meta fl-ahhar tal-gurnata, meta jsir tqabbil ta' kemm biljetti nbieghu, u kemm flus gie depositat, raw li kien hemm sensiela ta' diskrepanzi. Gie innotat li PIN partikolari, li kien ta' xufier assenjat Ghawdex, kien qed jigi regolarment jintuza fuq rotot tal-linja gewwa Malta, u l-flus tal-bejgh fuq dawk ir-rotot ma jidholx fis-sistema. Mill-audit li sar, irrisulta li fuq dawk ir-rotot f'Malta kien assenjat l-imputat, Ronald Gerada. Ghalhekk sar rapport lill-Pulizija, u ttiehdu dawn il-proceduri.

Illi mill-provi prodotti, ghal din il-Qorti rrisulta ampjament ippruvat illi kien l-imputat li, effettivament, uza l-PIN ta' xufier iehor biex il-flus tal-biljetti mixtrija mill-passiggieri li jirkbu tal-linja ma jidhlux fis-sistema fuq il-PIN tieghu, izda jitnizzlu fuq PIN ta' haddiehor. B'dan il-mod, fl-ahhar tal-gurnata ma jkunx jidher il-bejgh fuq il-PIN proprju tieghu, u allura ma jkollux ghalfejn irodd il-bejgh ta' biljetti li jkun ghamel, izda ta' dawk biss li jkun dahhal fuq in-numru tieghu, u b'hekk izomm il-kumplament tal-flus kollha hu. Mill-ezercizzju li ghamlet l-Arriva, dawn waslu ghall-figura ta' €14,574.20 li l-imputat irnexxielu

jiehu ghalih innifsu mis-sistema. Di fatti, qabel ma ttiehdu dawn il-proceduri, hu kien iffirma kostituzzjoni ta’ debitu versu l-kumpanija ghal dak l-ammont.

Fl-istqarrijiet rilaxxati mill-imputat, l-ewwel jammetti li kien ha madwar mitejn Ewro biss, izda sussegwentement jaghzel li ma jwiegeb ghal ebda domanda. Hu dejjem innega li kien uza l-PINta’ haddiehor, izda l-provi juru differenti. Per ezempju, f’gurnata minnhom, il-PIN tax-xufier assenjat Ghawdex jidher qed jintuza Ghawdex fit-8.00 ta’ filghodu, u ftit minuti biss wara, l-istess PIN qed jintuza fuq rotta ohra gewwa Malta, li nzertat kienet l-istess rotta ta’ Gerada.

Ghalhekk il-Qorti m’ghandha ebda dubju li kien l-imputat li wettaq dan ir-reat. Jidher li l-imputat kien jaf ezattament x’kien qed jaghmel. Ghalhekk ser jinstab hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu. Kwantu ghall-piena, bl-addebitu tar-recidiva, il-Qorti ser ikollha taghti piena ta’ prigunerija effettiva.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 293, 294, 310(1)(a), 308, 309, 337C (i), 17, 28B, 31, 533, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqsatnt tikkundannah tlitt (3) snin prigunerija. Tordna d- dhul fis- sehh tas- sentenza sospiza datata 26 ta' Gunju 2009, fejn kien inghata sentenza ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin, ghalhekk l-imputat ghandu jservi total ta' hames snin prigunerija.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------